## REGJUN XLOKK

IL-BELT VALLETTA (CITTA' UMILISSIMA), IL-BIRGU (CITTA' VITTORIOSA), L-ISLA (CITTA' INVICTA), BORMLA (CITTA' COSPICUA), HAZ-ZABBAR (CITTA' HOMPESCH), IZ-ZEJTUN (CITTA' BELAND),IL-FGURA, FLORIANA, IL-KALKARA, MARSA, MARSASKALA, MARSAXLOKK, PAOLA, HAL TARXIEN, IX-XGHAJRA.

### Minuti tal-Laqgha Nru. 17 / 2011

Data u hin

Il-Laqgha Nru 17/2011 tal-Ewwel Amministrazzjoni
saret il-Hamis, 22 t' Awwissu 2011 fis-6.30pm
fl-Ufficcji Amministrattivi tal-Kunsill Lokali ta' Hal-Tarxien
f' 73 Triq Santa Marija, Tarxien.

Attendenza

**Prezenti ghal-laqgha :**

| | |
|---|---|
| Chev. Paul Farrugia | President, , Sindku Tarxien |
| Is-Sur Joseph Scerri | Sindku Bormla |
| Is-Sur Joseph Attard | Sindku Zejtun |
| Is-Sur Anthony Degiovanni | V/Sindku Fgura |
| Is-Sur Nigel Holland | Sindku Floriana |
| Is-Sur Michael Cohen | Sindku Kalkara |
| Is-Sur Mario Calleja | Sindku M'Scala |
| Is-Sinj. M'Lourdes Lautier | Segretarju Ezekuttiv |

**Skuzati :**
Sindku Paola

**Assenti :**
Sindku Valletta
Sindku Birgu
Sindku Isla
Sindku Zabbar
Sindku Marsa
Sindku Marsaxlokk
Sindku Xghajra

Il-laqgha kienet imsejha ghas-6.30pm pero sas-7.00pm kienu prezenti biss dawk imsemmij aktar il-fuq, u peress li fl-ahhar laqgha ma kienx hemm *quorum* allura l-laqgha tal-lum seghtet issir, ghalhekk il-President, Chev. Paul Farrugia, qal it-talba u ppresieda l-laqgha.

17.1 **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Minuti tal-Laqgħa Nru.15/2011 mizmuma fit-28 ta' Gunju 2011 kienu ġew iċċirkolati minn qabel, u kien hemm ukoll il-minuti tal-Laqgha Nru 16/2011 mizmuma fit-18 t' Awwissu 2011 meta ma kienx hemm *quorum*. Il-President staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija u talab l-approvazzjoni tal-Kumitat.
Il-Kumitat approva l-Minuti, liema minuti ġew iffirmati mill-President u mis-Segretarju Eżekuttiv.

17.2 **<u>Punti Mqajjma</u>**

17.2.1 **Tender tal-LES**

LES

Il-President informa lil dawk prezenti li l-process kien kwazi wasal fl-ahhar, fil-fatt kienet ghada kemm saret laqgha fil-ghodu fejn gew iccarati issues *viva voce* ma' Tenderer minnhom.

Fil-Laqgha Nru 15/2011, il-Vici President kien issugerixxa li ssir komunikazzjoni sabiex jigi accertat li r-Regjun ma jkunx responsabbli ghal riperkussjonijiet finanzjarji b' rizultat ta' din id-decizjoni u jara jekk jistghux jigu rkuprati l-ispejjez legali li nkorra.

Il-korrispondenza li ghamlet is-Segretarju Ezekuttiv f' dan ir-rigward intbgahtet lid-Dipartiment biss il-*feedback* ma kienx accettabbli xejn. Is-Sindku tal-Kalkara tkellem dwar id-direttiva li tigi fis-sehh fl-1 ta' Settembru fejn qal li r-Regjun ghandu jiehu parir legali biex wiehed jara l-piz taghha u r-riperkusjonijiet. Wiehed ghandu jkun jaf li Memo Dipartimentali ma tissuperax il-ligi f' Malta – it-trasmissjoni trid tkun wahda legali u mhux b' Memo. Ir-Regjun ghandu jikkonsulta m' avukat sabiex jara jekk kuntratt jistax jigi assorbit, u jara x' jista jsir u l-linja li hemm bzonn tittiehed.

Korrispondenza ohra dwar l-ispejjez li nkorra r-Regjun biex irrisponda ghal Appell intbaghtet lill-Assoccjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fid-29 ta' Lulju 2011 izda peress li din ma gietx a konjizzjoni tas-Sur Cohen ser terggha tintbaghat ghada stess sabiex tigi trattata kollettivament mar-Regjuni l-ohra involuti biex issir imbattura ahjar.

Is-Sur Maurice Caruana baghat e-mail ohra fl-20 t' Awwissu fejn reggha tenna li s-Segretarjat kien ordna li l-1 ta`Settembru, 2011 hija d-data ta' meta għandha tidħol fis-seħħ id-delega tal-infurzar tal-liġijiet mill-Kumitati Reġjonali kif previst permezz tar-regolamenti 2(2) u 2(3) tal-ORDNI DWAR ID-DELEGA TA' INFURZAR MILL-KUNSILLI LOKALI U KUMITATI REĠJONALI - L.S. 363.41.

Is-Sindku tal-Kalkara qal li r-Regjun ghandu jaghmel analizi b' koordinazzjoni mal-Authorised Officers Regjonali biex wiehed jikkalkula l-hinijiet rikjesti ghal-Wardens. Dan l-ezercizzju ghandu jsir mall-Kunsilli Lokali flimkien mat-Tribunali.

Il-President semma li ser jitwaqqaf Customer Care Unit centrali ghal Malta kollha li jilqa' t-talbiet fuq sistema Regjonali. Mill-1 ta' Settembru 2011 ir-Regjun jidba jircievi l-invoicing tal-ispejjez tat-Tribunali waqt li invoicing ghal kontravenzjonijiet li jkunu saru qabel din id-data jibqghu a kariku tat-Tribunali Lokali.

Il-President informa lil dawk prezenti li fil-ghodu, waqt li kienet ghaddeja laqgha tal-Kumitat Agudikanti tal-LES, ir-Regjun gie notifikat b' Mandat t' Inibizzjoni Nru 1161/2011SC. Is-Segretarja Ezekuttiva qratu ezatt wara din il-laqgha u rrizulta li kien maghmul mill-kumpanija Aurelia Enforcement Limited. Gie nfurmat bil-kontenut il-President minnufih. Il-problema kienet li l-Avukat imqabbad mir-Regjun kien

Mandat t'Inibizzjoni

jinsab rikoverat l-isptar u ghalhekk gie deciz li jitqabbad avukat iehor.

17.2.2 **Dawl tat-Toroq** Dawl tat-Toroq

Is-Sindku tal-Kalkara qal li qabel ikompli l-process tal-progett tad-dwal tat-toroq, irid isir ezercizzju biex issir stima preciza tal-bozoz li ser ikunu inkluzi f'dan il-progett.

17.2.3 **Transport Pubbliku - Arriva** Arriva

Il-President informa li dawk prezenti li hareg stqarrija ghall-istampa fil-5 t'Awwissu 2011 dwar kif gew milquta c-cittadini ta' dan ir-Regjun mis-servizz tat-trasport pubbliku fornut minn Arriva wara l-*feedback* mill-Kunsilli Lokali. Fost dawk il-lokalitajiet fejn Arriva wahlet arbli bla permess u konsultazzjoni hemm Hal Tarxien, il-Fgura, Bormla u Marsascala

17.2.4 **Tender - Ufficcju Regjonali** Ufficcju Regjonali

F' dan il-waqt ta' diskussjoni, il-Vici President talab li johrog mill-laqgha peress li kellu konflitt t' interess ghax il-Kunsill tieghu, dak taz-Zejtun, kien tefa' t-tender.
Fuq proponiment tal-President, dawk prezenti ma sabux oggezzjoni li jibqa, ghalhekk baqa'.
Il-President prezenta l-pjanti tat-tenderers lil dawk prezenti u gibdilhom l-attenzjoni ghall-ispecifikazzjonijiet rikjesti fl-imsemmi tender, fosthom li prefiliberment ikun fil-vicinanzi ta' Hal Tarxien biex jigi evitat l-iskarigg.
Il-fond taz-Zejtun hu propjeta devoluta u mad-dokumenti originali ma kienx hemm l-awtorizzazjoni tal-Kummissarju ta' l-Artijiet li juri li tali fond seta' jinkera.
Ta' min jinnota li meta l-fond taz-Zejtun kien gie offrut ghal kiri originarjament fl-2009, kien versu l-prezz ta' €7300 fis-sena waqt li f' dan it-tender gie offrut ghal €11,000 fis-sena. L-offerta ghall-fond ghall-kiri ta' Hal Tarxien kienet ghal €16,771.75.
Dawk prezenti wkoll innotaw li l-post offrut f' Hal Tarxien kien fih ir-rekwiziti kollha waqt li dak taz-Zejtun deher li ma' kellux ir-rekwizit kollha.
Kien hemm suggeriment li s-Segretarju Ezekuttiv ghanda tipprepara evalwazzjoni biex jigi kkomparat tender ma' iehor bil-punti, li wara jghaddi ghar-rakomandazzjoni tar-Regjun.
Hawn il-President ta spjegazzjoni u evalwazzjoni taz-zewg tenders.
Dawk prezenti qablu unanimament li l-aktar fond addatat huwa dak ta' Hal Tarxien.
Ghanda tintbghat *Letter of Intent* lit-tenderer li offra l-fond ta' Hal Tarxien, li fiha ghandu jigi nkluz *time-frame* kif ukoll kundizzjoni li sa meta jigi biex iffirmat il-ftehim ikunu hargu l-permessi kollha relatati.

17.3 **Affarijiet Finanzjarji**

**Hlasijiet** Hlasijiet

Giet prezentat Payment Schedule 17/2011 u dawk prezenti approvaw dawn il-hlasijiet indikati fl-istess schedule.

17.4 **Affarijiet Ohra**

Memo 65/2011

17.4.1 **Memo 65/2011 Skema dwar inizzjattivi ta' Attivitajiet 2012**

Il-President tkellem dwar din il-memo li permezz taghha l-Kunsailli Lokali u l-Kumitati Amministrattivi jinghataw ghajnuna finanzjarja ghall-attivijatjiet tradizzjonali u ghajnuna favur il-wirt kulturali u lill-artisti lokali. L-applikazzjonijiet ghandhom jghadduhom lir-Regjun u jaslu ghand id-Dipartiment sal-31 t' Awwissu 2011.

17.4.2 **Memo 71/2011 Skema ta' Finanzjament ghall-Kumitati Regjonali** Memo 71/2011

Il-President irrefera ghal din il-memo fejn ir-Regjuni ser jinghataw €50,000 kull wiehed billi jipprezentaw inizjattiva ambjentali fil-lokalitajiet formanti parti minnhom. Il-President ippropona li f'kull lokalita' ssir funtana identika u pprezenta abbozz ta' din il-funtana ppreparat mill-Agent Sindku tal-Fgura, is-Sur Anthony Degiovanni. Il-disin intlaqa' tajjeb minn dawk prezenti. Din il-funtana tinkorpora fiha l-emblema nazzjonali, dik regjonali u ohra lokali.
Din l-applikazzjoni taghlaq fis-16 ta' Settembru 2011.
Wiehed pero jrid jara jekk l-ilma kienx ser johloq problema f' xi permessi rikjesti waqt li kien hemm min issugerixxa li l-istess abbozz seta' jintuza minghajr ilma u jitpoggew fjuri minflok l-ilma.
F'dan l-isfond ta' kultura gie propost li l-quddiem ir-Regjun jidhol ghal progett li jippubblika almanak annwali kulturali Regjonali.
F' laqgha precedenti kien issemma li r-Regjun jorganizza *travelling exhibition* artisitka bil-partecipazzjoni ta' artisti u artigjani ta' kwalita' mir-Regjun, u jigi ppromwov agri-turizmu. Ikun hemm *terms of reference* stabbiliti minn qabel sabiex jinzamm livell tajjeb.

17.4.3. **Hatra ta' Accountant u xiri ta' software** Hatra ta' Accountant/Xiri ta' Software

Peress li r-Regjun dalwaqt ser ikollu d-dhul tieghu ghandu jitqabbad accountant, ghalhekk dawk prezenti qabblu li ghandu johrog tender ghal dan il-ghan waqt li kulhadd qabel li ghandhu jinxtara software addatat meta jkun hemm il-fondi.

17.5 **Għeluq tal-Laqgħa u Aggornament** Gheluq

Il-Laqgħa ntemmet fit-9.05pm.

Il-Laqgħa li jmiss ser tinzamm nhar it-Tlieta, 20 ta' Settembru , 2011 fis-6.30pm, fil-boardroom tal-Kunsill Lokali ta' Hal-Tarxien.

| | |
|---|---|
| **Chev. Paul Farrugia** | **M' Lourdes Lautier** |
| **President** | **Segretarju Ezekuttiv** |

Minuti approvati llum it-Tlieta,  27 ta' Settembru, 2011.